MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 396/2002/1

**Dr. Louis Buhagiar M.D., FRCP, MRCP**

**vs**

**Saviour Balzan fil-kapacita` tieghu bhala Editur tal-gurnal Malta Today u Kurt Sansone**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Mejju, 2005, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tad-danni sofferti mill-attur a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-'Press Act', 1974, u dana minhabba illi l-konvenuti jew min minnhom irrendew ruhhom hatja ta' malafama a tenur ta' l-istess 'Press Act' permezz ta' rapport ippubblikat fil-gurnal 'Malta Today' ta' nhar il-Hadd

5 ta’ Mejju, 2002, u ntitolat ‘Maltese Doctors in UK Insurance Probe’ liema rapport gie annessi mal-avviz u mmarkat bhala Dokument ‘LB1’ u li permezz ta’ tali rapport il-konvenuti jew min minnhom ghamlu malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tal-attur, jew li jesponuh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti jew min minnhom ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

1. L-attur mhux identifikat fl-artikolu in kwistjoni;
2. Minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez billi ma hemm xejn malafamanti fl-artikolu in kwistjoni;
3. L-artikolu huwa ‘fair comment’.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti ta sottomissjonijiet ta’ l-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-bazi tat-talbiet attrici huwa l-artikolu ppublikat fuq l-ewwel pagna tal-gazzetta “Malta Today” fil-harga ta’l-5 ta Mejju 2002 u li kien intitolat “Maltese doctors in UK insurance probe” taht il-firma ta’ l-konvenut Kurt Sansone.

Fis-seduta ta’ l-14 ta Novembru 2002 il-kontendenti qablu li l-kopja (Dok LB1) ta’ l-istess artikolu esibita ma’ l-avviz hi vera kopja ta l’original u ma saret ebda kontestazzjoni dwar dak li gie tacitament accettat matul il-kors ta dawn il-proceduri, li l-konvenut Saviour Balzan huwa l-editur ta’ l-

pubblikazzjoni "Malta Today" u ghalhekk risponsabbli ghall-publikazzjoni ta' l-istess artikolu in kwistjoni u ta' l-artikoli l-ohra relatati ppublikati f'hargiet ohra ta' l-istess gurnal u li l-konvenut Kurt Sansone huwa l-gurnalista awtur ta' l-istess artikoli.

Ghalhekk il-Qorti tista tghaddi mill-ewwel biex tezamina il-kontenut ta' l-istess artikolu senjalat mill-attur biex, stante l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, tiddetermina fl-ewwel lok jekk il-fatti attribwiti lil "*a handful of Maltese doctors and consultants*" u lil "*a well-known consultant*" humiex fatti li jistghu jesponu lil min attribwiti ghar-ridikolu jew disprezz ta' l-pubbliku u li joffendu l-unur u r-reputazzjoni li jgawdi, jekk l-attur huwiex identifikat fir-riferenzi fl-artikolu ghall "*a handful of Maltese doctors and consultants*" u ghal "*a well-known consultant*".

F'kaz affirmattiv il-Qorti trid wara tghaddi biex tezamina jekk il-fatti malafamanti attribwiti lill-attur humiex ibbazati fuq fatti verament akkaduti biex tista tistabilixxi jekk jistghux jammontaw ghall "*fair comment*" fis-sens ta'l-ligi, kif eccipew il-konvenuti fil-meritu.

Dwar l-ewwel kwezit, jekk il-fatti attribwiti humiex malafamanti, il-Qorti m'ghandiex ghalfejn tiddilunga. Ir-riferenzi ghall *"a number of tourists have fallen <u>victim</u> to doctors and consultants"* u ghall "*doctors whose names have cropped up in relation to <u>unethical behaviour</u>, including a consultant who has been in the spotlight locally for charging excessive fees"* huma fihom infushom kummenti li jiddegradaw il-professjoni medika. Infatti "il-pazjent", li ghandhu jkollu fiducja assoluta fit-tabib f'idejn min ikun issottometta ruhu ghal kura, gie imsejjah "il-vittma" tat-tabib, waqt li r-riferenza ghal "agir kontra l-etika professjonali" ma tirrikjedix iktar approfondiment u kull tabib li lilhu jigu attribwiti dawn il-kwalifiki ma jistghax ma jigix imalafamat u espost ghad-denigrazzjoni u disprezz ta' l-pubbliku.

Billi l-artikolu tal-5 ta Mejju 2002 ma jsemmi ebda tabib partikolari b'ismu, l-attur ddikjara li r-riferenza ghall "*a consultant who has been in the spotlight locally for*

*charging excessive fees"* hija riferenza ghalih peres illi l-istess gurnal f'hargiet precedenti kien semmieh b'ismu f'artikoli ohra in konnessjoni ma allegazzjonijiet ta imposizzjoni ta drittijiet eccessivi.

Infatti gimgha wara gimgha, l-istess gurnal "Malta Today" b'effett mill-14 ta April 2002, b'artikoli moghtija prominenza, bil-maggor parti taht il-firma ta l-istess Kurt Sansone, kien allega apertament li l-attur, imsemmi b'ismu, kien qed jigi investigat, kien gie ggudikat u kien ta imbarazz ghall-partit politiku li fih kien membru minhabba il-kontijiet ezagerati li kien qed jghati lit-turisti pazjenti tieghu.

Fil-harga ta' l-gurnal tal-14 ta April 2002 il-'headlines' kienu "MLP throws ita wieght behind Louis Buhagiar" b'riferenza ghall-investigazzjonijiet pendenti dwar il-kontijiet eccessivi ta' l-attur; fil-21 ta April 2002 il-'headlines' kienu iktar diretti u incisivi u xandru li "Louis Buhagiar's 'eccessive' fee habit confirmed" waqt li fis-27 ta April 2002 deher l-artikolu intestat "Magro chooses silence over Buhagiar embarrassment" fejn saret riferenza ghal "Professor Louis Buhagiar's unprofessional behaviour".

Minghajr ebda ombra ta dubbju kull qarrej ta intelligenza medja li jaqra l-gurnal Malta Today, u li segwa l-attakki prominenti kontra l-attur direttament fil-hargiet successivi ta' l-istess gurnal, ma setghax ma jifhemx illi *l- "consultant who has been in the spotlight locally for charging excessive fees"* imsemmi fl-artikolu kulminanti fil-harga successiva ta' l-5 ta Mejju 2002,  kien bil-fors l-attur, il-Professur Louis Buhagiar li kien kull gimgha qed jigi indikat li ghandhu l-vizzju ta "*excessive fees*". Definitivament, bir-riferenza biss ghall-artikoli ppublikati qabel dak li minnhu jilmenta l-attur, l-attur ipprova ampjament li "reasonable people would understand the words to point to the plaintiff personally *......and that......* at least some readers would recognize him as the person being criticized" kif iccittaw l-istess konvenuti minn "Media Law" ta Robertson and Nicol fin-nota ta osservazzjonijiet taghhom.

Ghalhekk il-Qorti trid tghaddi biex tezamina jekk l-artikolu in kwistjoni, li jorbot lill-attur man-nuqqasijiet kollha fih msemmija, jistghax jitqies bhala ‘fair comment’.

L-istess artikolu ma jillimitax in-nuqqas addebitat lill-attur ghal dak ta kontijiet ezagerati biss. Infatti l-artikolu jittratta principalment min-nuqqas ferm iktar serju minn dak ta ‘overcharging’ u principalment jikkritika l-agir skorrett ta diversi “*doctors and consultants who choose to hospitalize patients in private hospitals even though the medical care required might not necessitate hospitalization”.* Billi jkompli jsosstni li dan isir sabiex it-tabib koncernat ikollhu skuza biex johrog kont ezagerat u billi l-awtur isosstni li diversi tobba, fosthom l-attur, gew avvicinati minn kumpaniji ta assikurazzjoni (*following the* <u>*situation*</u> *very closely)* dwar dan l-operat abusiv, isegwi li l-attur gie intimament implikat fl-abbuz serju li qed jippreskrivi kura fi sptar meta l-kaz jissuggerixxi mod iehor.

Fid-deposizzjoni tas-16 ta Ottubru 2003, l-attur isosstni hekk: “Nirribadixxi illi l-artikolu illi jiena qed inhoss illi ngurjani jaghmel riferenza illi jiena bghat pazjenti fl-isptarijiet ghalxejn …. anzi li pazjenti sfaw vittmi tieghi”.

Inoltre, billi bil-kliem “*for charging excessive fees*” l-istess artikolu jallega li huwa stabbilit li l-attur huwa fli-*spotlight* ghaliex hati ta dak l-abbuz u mhux biss issusspettat ghal daqshekk, qarrej ta intelligenza medja jifhem, anke jekk ma segwiex l-artikoli precedenti, illi l-attur jinsab fl-ispotlight ghaliex, kontra l-etika professjonali tieghu, l-attur ikkommetta abbuzi fejn talab dritttijiet ezagerati u setgha jasal ghalihom billi anke bghat pazjenti f’isptar bla bzonn.

Dan huwa il-messagg li l-konvenuti wasslu lill-qarrejja tal-gurnal Malta Today  u d-difiza ta ‘fair comment’ li fuqgha qed jistriehu trid tkun ibbazata fuq prova ta fatti li jorbtu lill-attur ma kull fazi ta’l-abbuz li huma xandru.

Gie diversi drabi ribadit mill-Qrati tghana li d-dritt fondamentali ta l-liberta’ ta l-espressjoni u tal-kritika, anke fejn si tratta ta kritika ta’ l-operat ta persuna li tokkupa xi

karika pubblika jew li ghandha posizzjoni gholja f'ghajnejn il-pubbliku, ghandhu l-limiti tieghu u qatt ma jista jiehu l-forma ta insinwazzjoni ta fatti malafamanti li ma jkunux ippruvati bhala veri.

Bizzejjed li jigu citati brani mis-sentenza ta'l-Qorti ta' l-Appell ta' l-10 ta Ottubru 2003 fil-kawza fl-ismijiet "Dr Joseph Troisi –v- Rev. Fr. Emmanuel sive Noel Grima et" fejn, wara li ghamlet taghha il-konkluzzjonijiet ta l-ewwel Qorti kienet irriteniet hekk:

"Illi certament li l-liberta' tal-espressjoni ma ghandiex tkun licenzja sabiex wiehed liberalment jattakka, bla ebda provi u fondament, ir-reputazzjoni u l-unur ta' bniedem iehor, stante li in-natura stess tad-drittijiet fundamentali, ghandha *ai fundus*, ir-rispett lejn il-hajja u ir-reputazzjoni umana; anzi jista' jinghad li ir-reputazzjoni ta' u l-fama tal-bniedem u l-protezzjoni taghha hija l-emanazzjoni u fl-istess hin il-kulmine tad-dinijita' stess tal-bniedem.

Illi dan l-apprezzament tal-Qorti qed jigi moghti taht il-konsiderazzjonijiet maghmula wkoll fis-sentenza "Onor. Dr. Philip Muscat vs Victor Camilleri et" (A.C. 19 ta' Mejju 1995 – LXXIX.ii.487) fejn inghad illi bl-introduzzjoni tal-Kap. 319 sar *"tibdil fondamentali fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti fil-materja ta' ingurja in kwantu din tkun diretta lejn l-awtoritajiet specjalment dawk governattivi, u dan sabiex kemm il-ligi kif ukoll id-decizzonijiet ta' dawn il-Qrati jkunu konformi mal-hsieb u decizzjonijiet tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem in materja ta' liberta' tal-istampa. Dan il-kambjament radikali sar kemm fil-kamp penali kif ukollfil-kamp civili. Din il-Qorti taghmel biss referenza ghas-sentenza taghha stess re "Anglu Fenech pro et nomine vs. Carmelo Callus" tal-4 ta' Frar 1994 u dik tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) in re* "Il-Pulizija kontra l-Onorabbli Dr. Guido Demarco" deciza fis-27 ta' Lulju, 1994 fit-tnejn dawn il-Qrati segwew *it-triq murija mill-Qorti Ewropeja fil-Lingens Case sa mill-1986".*

Illi taht dawn il-konsiderazzjonijiet jirrizulta li hija regola *ormai* li min qieghed jokkupa kariga pubblika,

f'demokrazzija, huwa tenut li jirrikonoxxi kritika anke harxa ta' l-operat tieghu, pero' tali kritika qatt ma ghandha twassal sabiex jigu attribwiti fatti mhux veri lill-persuna bl-iskop li tali persuna tigi malafamata, ingurjata, u redikolata pubblikament, u t-test ghal dan xorta jibqa' kif *"a reasonable fair minded man"* cioe' *"the reasonable man, of normal intelligence, possessed of a degree of knowledge of current circumstances"* ihares u jifhem l-istess artikolu ("Hedley vs Tabone" – 7 ta' Frar 1953 – "Mintoff vs Schembri" – 7 ta' Frar 1953) u ghal dan it-test mhux *"importanti li wiehed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu in kwistjoni gie miktub u stampat, imma l-importanti huwa li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju, ta' intelligenza normali, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni"* ("Onor. Dr. G. Cassar vs Dr. Joseph Muscat" – 22.07.1985).

Illi mela jidher car illi ghalkemm wiehed jista' jaghmel kritika anke harxa fuq l-operat ta' persuna f'posizzjoni pubblika, dan ma jfissirx li b'daqshekk wiehed ghandu liberta' li jattribwixxi fatti mhux ippruvati u ingurjuzi lill-istess persuna, ghaliex il-liberta' tal-espressjoni ghandha il-limiti taghha, fid-dritt ta' persuna li tiddefendi isimha u l-unur taghha, specjalment meta tali fatti allegati jew insinwati assolutament ma jigux ippruvati u ma jezistux. Jibqa' dejjem il-fatt li l-limiti tal-*fair comment* huwa li *"jekk ma jigux ippruvati sodisfacentement, il-fatti addebitati lill-kwerelant, u ma tistax tirnexxi d-difiza tal-'justification' u jekk il-fatti ma jkunux veri, lanqas jista' jkun hemm 'fair comment'* ("Anglu Camilleri vs Anthony Zammit" – Vol.XI.IV.1195.; "Dr. Joseph M. Ciappara vs Joseph Zammit" – JSP. 929/90/JSP. 3.10.1991). ……..

Altru li wiehed jikkritika, anke jekk b'mod iebes, l-operat ta' dak li jkun billi jesprimi <u>l-opinjoni</u> tieghu fuq dak l-operat, u altru li wiehed jatribwixxi jew, aghar, jinsinwa <u>fatti</u> malafamanti li ma jigux pruvati. Din id-distinzjoni tohrog anke mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea, fosthom il-kaz, kwotat mill-konvenuti appellanti kemm fin-noti taghhom quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll fir-rikorsi ta' appell, *Lingens v. Austria* 1. Skond l-awturi van Dijk u van Hoof, *"The distinction between facts and value-judgements…is*

*standing case-law…”.* Bl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u bil-gurisprudenza dwaru ma giex abolit ir-reat ta’ malafama permezz ta’ l-istampa, izda sempliciment inghatat interpretazzjoni aktar liberali ta’ x’jammonta ghal malafama meta si tratta ta’ kummenti u opinjonijiet (ossia *value-judgements*) specjalment fil-kaz ta’ kummenti u opinjonijiet li jirrigwardaw nies fil-politika jew dibattiti politici jew f’kuntest politiku……..

Fis-socjeta’ moderna, a differenza ta’ forsi ghoxrin, tletin jew sittin sena ilu, certu kummenti jitqiesu li ma humiex ingurjuzi. Meta, pero’, flok kumment (jew opinjoni) ikollok allegazzjoni jew insinwazzjoni ta’ fatti fihom infushom ingurjuzi u li ma jirrizultawx sostanzjalment pruvati, anke fis-socjeta’ moderna u demokratika jibqa’ validu il-kumment ta’ l-Imahallef Kennedy fil-kawza *Peter Walker Ltd. v. Hodgson*: *“Where the words which are alleged to be defamatory allege, or assume as true, facts concerning the plaintiff which the plaintiff denies, and which either involve a slanderous imputation in themselves, or upon which the comment bases imputations or inferences injurious to the plaintiff, it is settled law that the defence of fair comment fails unless the comment is truthful in regard to its allegation or assumption of such facts”*.

Inoltre, meta ma tkunx tirrizulta konklussivament ppruvata il-verita’ ta xi fatt attribwit, izda jkunu jirrizultaw diversi fatturi u cirkostanzi ohra li flimkien jghatu lok ghal konvinciment ragjonevoli dwar l-ezistenza ta xi fatt determinat, l-espressjoni ta dik l-opinjoni dwar dak il-fatt tista ukoll tikkwalifika bhala ‘fair comment’. Izda huwa essenzjali ukoll illi, biex din il-kritika tista tikkwalifika bhala ‘fair comment’, din trid tkun anke ibbazata fuq il-bona fide ta’ l-awtur li jkun ghamel ricerka akkurata dwar il-verita ta’ l-fatti a konjizjoni tieghu, kemm jista jkun jivverifika l-korrettezza tas-sorsi u anke jitlob xi skjarimenti minn ghand l-istess ikkritikat meta l-kaz hekk jissugerixxi. Izda n-nuqqas ta diligenza, tghawwig tal-verita’ jew l-ezagerazzjoni voluta anke ibbazati fuq xi fatt sostanzjalment korrett jistghu ukoll jimmina id-difiza ta ‘fair comment’.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti kkoncentraw kwazi esklussivament fuq l-allegazzjoni ta kontijiet ezagerati, hlief ghall-ilment ta' l-attur fejn allega li hassu ngurjat ukoll bl-allegazzjoni li huwa bghat pazjenti fl-isptar bla bzonn.

Jirrizulta stabbilit li ghalkemm sa Mejju 2002 kienu saru diversi ilmenti fil-konfront ta' l-attur dwar xi kontijiet tieghu, senjatament dawk li jirreferu ghall-kura ta turisti, l-attur qatt ma gie ccensurat dwar xi ksur ta l-etika professjonali u qatt ma gie investigat mill-Medical Council. Jirrizulta anzi li lment ta turista, rrapportat lid-Direttur ta Institutional Health, gie riferut lil Pulizija li fil-11 ta April 2002 ikkonkludew li ma kien hemm ebda infrazzjoni ta xi ligi kriminali.

Fatt wiehed konklussiv li fuqu seta jistrieh il-konvent Sansone kienet biss decizjoni tat-Tribual ghat-Talbiet Zghar tal-14 ta Jannar 2002 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Louis Buhagiar –v- Carmen Magri" fejn kont tal-attur ghall-drittijiet professjonali kien gie ritenut eccessiv u ridott b' LM50.

Infatti il-konvenut Kurt Sansone fit-18 ta Frar 2004 xehed hekk: 'Qabel ma ktibt l-artikolu tal-5 ta Mejju jien ma kontx ghadni ghamilt verifika dwar x'kienet timponi bhala massimu fit-tariffi, il-BUPA; jiena kont straht principalment fuq dak li kien qal it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar."

Apparti li din il-kawza ma kienetx tikkoncerna xi turista u ghalhekk ta ftit rilevanza ghal finijiet ta l-artikolu in kwistjoni, il-provi l-ohra ta'l-konvenuti jirrigwardaw ricerki ulterjuri li ghamlu effettivament wara li ppublikaw l-artikolu u li, fil-maggor parti, saru fil-mori ta din il-kawza. Lanqas ma jirrizulta li l-attur kien gie avvicinat mill-konvenuti biex jghati xi spjegazzjoni.

Zgur illi dwar l-allegazzjoni ta pazjenti jintbghatu l-isptar ghal xejn ma tirrizulta ebda prova lanqas almenu xi ndizju li seta jwassal ghal xi suspett. Infatti, ghalkemm fin-nota ta l-osservazzjonijiet taghhom il-konvenuti jsosstnu li British Medical Services Forum kienu allegaw dan l-abbuz, minn

ezami ta’ l-korrispondenza esibita (Dokti X1 sa X5 – Folji 138 sa 142) ma jirrizulta ebda tali lment kif ma jirrizultax mill-provi l-ohra kollha.

Ghaldaqstant jirrizulta li a bazi biss ta ilmenti ta turisti, u kumpaniji assikuraturi li jirrapresentawhom, dwar it-tariffi applikati mill-attur, il-konvenuti b’zelu inspjegabbli u minghajr ricerka adegwata, bdew kampanja kontra l-attur biex ittimbrawh, *mhux b’xi suspett* izda b’allegazzjoni ta ksur ta etika professjonali u b’agir abusiv fil-konfront ta pazjenti u ddikjarawh li kien fli *spotlight locally*, meta li ‘spotlight’ ikkreawh huma stess  bl-artikoli precedenti taghhom fl-istess gurnal.

Ghaldaqstant issib illi l-artikolu ppublikat fuq l-ewwel pagna tal-gazzetta “Malta Today” fil-harga ta’l-5 ta Mejju 2002 u li kien intitolat “Maltese doctors in UK insurance probe” taht il-firma ta’ l-konvenut Kurt Sansone huwa libelluz fil-konfront ta’ l-attur u konsegwentement a tenur ta l-Artikolu 28 tal-Kap.248 l-istess konvenuti huma tenuti li jhallsu lill-attur dik is-somma li tigi stabbilita mill-Qorti.

Ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta danni dawn ghandhom jigu likwidati a proporzjon ta’ l-gravita’ ta’ l-ingurja tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta’ l-kaz.

Evidentement il-latitudini moghtija lill-istampa hielsa ghall-kritika u kummenti fuq materji ta interess pubbliku fejn iktar ma hi gholja l-figura pubblika fil-mira tal-gurnalist iktar hija t-tolleranza koncessa, iggib maghha minn-naha l-ohra obbligu ikbar ta cirkospezzjoni u ta serjeta’ b’konsegwenza li fejn jirrizulta eccess tal-limiti koncessi, ir-responsabilita’ ghal tali infrazzjoni tkun ikbar.

Fil-kawza “Carmel Tonna –v- Felix Agius” decisa mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta Marzu 1993 il-Qorti kienet rriteniet li : “ *l-azzjoni ta libell, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b’gudizzju u cirkospezzjoni, tenut kont ta’ l-ingurja, il-gravita’ taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x’danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista tiggenera”.*

Ghalhekk, wara li l-Qorti hadet in kunsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha ta' l-kaz senjatament il-professjoni ta' l-attur u il-kariga ta professur fl-Universita' u l-effett negattiv tal-pubblicita' hazina, wara li hadet ukoll in kunsiderazzjoni l-effetti hziena fuq il-karriera politka ta' l-attur, apprezzat mill-istess konvenuti fl-artikolu taghhom tas-27 ta April 2003 intitolat "Former Parliamentary Secretary's parliamentary fate sealed"(Dok LB6 a fol. 38) u wara li apprezzat ukoll il-hsara lir-reputazzjoni tieghu, tilqa t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenut Saviour Balzan sabiex bhala editur tal-gurnal ihallas lill-attur in linea ta danni s-somma ta elf u hames mitt lira (LM1500) u tikkundanna lill-konvenut Kurt Sansone, bhala l-awtur ta'l-artikolu libelluz sabiex ihallas lill-attur is-somma ta elfejn u hames mitt lira (LM2500).

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti 'in solidum' bejniethom"

Di fronte ghal din is-sentenza l-konvenuti, sokkombenti fil-gudizzju, iressqu dawn l-aggravi:-

(1) Il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti hi zbaljata billi naqset li tikkonsidra li qarrej ta' intelligenza medja kien jifhem li z-zewg partijiet ta' l-artikolu in ezami jaghmlu riferenza ghal nies differenti u mhux ghall-attur. Jissottometti wkoll f' dan l-istess kuntest illi l-attur naqas li jgib xhieda biex jghidu li qraw l-artikolu u fehmu li kien jirreferi ghall-attur;

(2) Il-kumment kien wiehed "*fair*", Huma jibbazaw dan fuq ix-xhieda mismugha u d-dokumenti prodotti;

(3) Id-danni likwidati huma esagerati;

Mill-kontenut ta' l-ewwel obbjezzjoni wiehed necessarjament jifhem illi l-appellanti qeghdin hawn jirribadixxu dak minnhom sottomess bl-ewwel eccezzjoni, u cjoe, li l-attur mhux identifikat fl-artikolu in kwestjoni. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Thomas Hedley *proprio et nomine* -vs- Karmnu Zammit**", Appell Kriminali, 10 ta'

Marzu 1956 illi f' kaz li l-persuna kwerelanti mhix identifikata b' isimha jokkorri li jigi ezaminat jekk hijiex indikata espressament bi frazijiet ohra ta' l-artikolu, b' mod li tkun tirrizulta minghajr ekwivoci l-alluzjonijiet ghalih;

L-ewwel Qorti sabet, korrettement fil-fehma ta' din il-Qorti, illi l-alluzjoni ghall-attur fl-artikolu inkriminat kienet wahda indubbja bil-fatt tar-riferenza ghall-"*consultant who has been in the spotlight locally for charging excessive fees*". Din l-"i*spotlight*" kienet ir-rizultat evidenti ta' sensiela ta' artikoli pubblikati fl-istess gurnal "Malta Today", u li pprecedew dak in diskussjoni. Ara kopji taghhom esebiti a fol. 31. F' dawk l-artikoli l-attur jissemma *expressis* b' ismu u allura ma jezisti ebda ombra ta' dubju illi qarrej li jsegwi dak il-gurnal logikament jifhem illi l-*consultant* in kwestjoni ma setax ikun hlief l-attur. Del resto, dan huwa ammess mill-istess appellant Kurt Sansone, awtur ta' l-artikolu. Dan fejn jghid illi qabel ma kiteb l-artikolu kien hemm diga` artikoli ohra f' gurnali kompriz dawk mitbugha fil-gurnal tieghu li kienu jirreferu ghall-attur. Ara deposizzjoni tieghu *in extenso* a fol. 44 tal-process;

L-appellanti jittantaw joholqu dikotomija bejn id-diversi partijiet ta' l-istess artikolu denunzjat. Dan billi jissottomettu illi l-attur mhux indikat bhala wiehed mid-"*doctors and consultants who choose to hospitalize patients in private hospitals even though the medical care required might not necessitate hospitalization*". B' mod assolut din il-Qorti ma tikkondividix din is-sottomissjoni. Iz-zewg addebiti ta' allegati abbuzi u rregolaritajiet huma kontenuti fl-istess artikolu bla ebda distinzjoni bejn parti u ohra. Il-kontenut u t-ton shih ta' l-artikolu ma jistax ma jhallix f' mohh il-qarrej ordinarju l-impressjoni illi fost il-*consultants* kien kompriz ukoll l-attur. Sewwa intqal mill-**Qorti Taljana ta' Kassazzjoni** (**25 ta' Lulju 2000, numru 9746**) illi "*con riguardo alla valutazione spettante al giudice del carattere diffamatorio di uno scritto, tale carattere non puo essere escluso sulla base di una lettura atomistica dello stesso, dovendosi, invece, giudicare la portata offensiva non solo dalle singole espressioni in*

*esso contenute, ma dall' intero contesto*". Taghmel sens l-osservazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi r-rabta flimkien tal-kliem u ta' l-espressjonijiet uzati jaghtu wiehed x' jifhem illi l-attur jinsab fi *spotlight* ghaliex kontra l-etika professjonali tieghu huwa kkommetta abbuzi fejn talab drittijiet ezagerati u dan billi anke jibghat pazjenti f' isptar bla bzonn. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint;

It-tieni aggravju ta' l-appellanti hu kondiviz fi tnejn. Dan ghaliex fl-ewwel lok, anke f' din is-sede, huma jkomplu jinsistu li l-kumment kien wiehed "*fair*". Fit-tieni lok, billi jinvokaw il-principju tal-liberta ta' l-espressjoni;

Huwa indiskuss illi fid-decizjoni appellata gie regolat il-mod li ghandu jigi segwit ghad-definizzjoni ta' l-eccezzjoni tal-"*fair comment*". Dan ghamlitu wkoll b' aktar approfondiment is-sentenza fl-ismijiet "**Lino Debono -vs- Saviour Balzan**", Appell, 27 ta' April 2001 meta minn estratti mill-Gatley ("On Libel and Slander", Seventh Edition, pagna 703 *et sequitur*) elenkat il-kondizzjonijiet biex l-eccezzjoni tal-"*fair comment*" tkun tista' tigi sostenuta. Minn din is-sentenza u ohrajn ta' l-istess portata jistghu jigu ri-epilogati dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Biex tirnexxi din l-eccezzjoni hu mehtieg illi l-kittieb ikun ikkommenta u hareg konkluzjonijiet minn fatti minnu esposti li jkunu veri u kompleti. ("**Angelo Fenech *proprio et nomine* -vs- Anthony Montanaro *et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Jannar 1993;

(2) Mhux hekk biss pero`. Biex il-kumment jitqies gustifikat jehtieg li jkun ukoll *bona fide* (**Kollez. Vol. XXXVI P IV p 843**). Din il-*bona fide* tal-gurnalist hija derivat ta' diversi cirkostanzi, fosthom dak li juri li l-fatt minnu allegat huwa l-prodott ta' indagnijiet li huwa ghamel biex jirricerka l-verita` qabel ma jxandar il-kumment fuq l-istampa. Ara **Kollez. Vol. XLIX P II p 970**;

(3) Jekk in-narrazzjoni tal-fatti ma tkunx vera, jew tkun inkorporata f' parti rilevanti ghall-kumment, l-istess

kumment isir allegazzjoni ta' fatt li, jekk ma jigix provat, jibqa' a karigu ta' min jaghmlu (**Kollez Vol. XLV P IV p 923**);

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, l-appellanti jittantaw jirrikavaw sostenn ghad-difiza taghhom tal-"*fair comment*" mix-xhieda tat-Tobba John Cachia u Ray Busuttil. Bir-rispett kollu asserzjoni ta' fatt allegat mhuwiex kumment, u wisq anqas kumment gust u bona fide. Il-kumment ma ghandux ikun ir-rizultat ta' kongetturi li l-fatti li fuqhom isir il-kumment ma jiggustifikawx. Mill-istess xhieda li fuqhom assidwament jistriehu l-istess appellanti kull ma jirrizulta hu li saru diversi ilmenti. Dawn l-ilmenti kkonkludew li ma hemmx kaz li ghalih kellu jirrispondi l-attur. Barra minn dan ma jirrizultax li l-Kunsill Mediku ha xi passi ghal ksur ta' l-etika professjonali. Ikollu jinghad ghalhekk illi l-appellanti ma rnexxielhomx fid-difiza tal-"*fair comment*" billi jgibu provi jew gusitifikazzjonijiet biex isostnu l-veracita` tal-kliem ingurjuz. L-ebda prova ta' ricerka diligenti ta' l-attendibilita` tal-fonti;

Ma hemmx dubju illi d-dritt tal-liberta` ta' l-espressjoni fi stat demokratiku huwa assolut. Daqstant iehor pero` huwa assolut id-dritt tal-bniedem ghall-unur u r-reputazzjoni tieghu. Kif drabi ohra intqal "huwa dejjem mehtieg li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta` ta' l-istampa u c-censura tal-malafama, bejn il-valur tal-kritika, ta' apprezzament, ta' espressjoni ta' opinjoni u ta' gudizzju f' socjeta` demokratika mal-htiega tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur u l-isem tajjeb li kull persuna ghandha dritt li tgawdi" ("**Richard Vella Bamber -vs- Felix Agius *et***", Appell Civili, 20 ta' Lulju 1994);

Kif taraha din il-Qorti meta l-kitba, kif inhu hawnhekk il-kaz, issir inkompatibbli mal-kuncett tad-dritt tal-liberta` ta' l-espressjoni, lill-appellanti mhux rikonoxxut bhala xi skriminanti l-invokazzjoni ta' dan l-istess dritt. Dan ghar-raguni li, kif diga` osservat, ghall-applikazzjoni ta' dak id-dritt huwa impellenti li jkunu gew stabbiliti l-verita`

oggettiva u intrinsika tal-fatt allegat, u l-korrettezza formali ta' l-esposizzjoni ta' l-istess fatt. Cirkostanzi dawn li fil-kaz odjern ma jirrizultawx. Anke allura it-tieni aggravju qed jigi michud;

Kwantu ghall-ahhar aggravju dwar l-eccessivita` tad-danni likwidati ghandu qabel xejn jigi osservat illi r-rizarciment ghandu jkun kommisurat mat-tnaqqis jew telf tal-valur (anke jekk mhux f' sens patrimonjali) tal-persuna umana. L-insenji Imhallef Maurice Caruana Curran sedenti fil-kawza riportata a **Vol. XLIX P II p 1076** jafferma li dawn id-danni "ghandhom ikunu ezemplari u likwidati f' somma konsistenti mad-dinjita tal-bniedem u n-natura u l-gravita` ta' l-ingurja";

F' dan il-kaz jidher li l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni barra l-gravita` tal-malafama *per se*, cirkostanzi ohra vitali li bhala effett ta' l-istess malafama l-attur seta' sofra, kemm direttament (baqa' ma thallasx mill-kumpanija estera ta' assikurazzjoni) u indirettament (hsara politika). Ara deposizzjoni ta' l-attur fejn jillamenta illi l-kummenti tal-gurnal kellhom riperkussjonijiet serji fuq il-kariga tieghu ta' bniedem fil-politika, kif ukoll fuq il-karriera professjonali tieghu ta' tabib (fol. 26). Ghal dawn ir-ragunijiet kollha din il-Qorti ma tarax li ghandha ticcensura lill-ewwel Qorti fil-mod kif din illikwidat id-danni. Hu l-kaz allura li anke dan l-aggravju jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza tal-Qorti nferjuri bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------